# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 313 – Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015

## AĠENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti li joħorġu mill-Minuti
3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti
4. Kuntratti
5. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduti 312 jkunu approvati bħala dokumenti korretti. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

### 2.1 Talba ma' Transport Malta dwar *restricted access* fi Triq l-Imqabba

Is-Sindku qal li hu kien kiteb lis-Sindki tar-Rabat u ta' Ħad-Dingli kif kien rakkomandat minn Transport Malta u kien qed jistenna tweġiba.

### 2.2 Attività tal-Milied

Is-Sindku qal li meta wieħed jikkunsidra li din kienet l-ewwel darba li ġiet organizzata attività ta' din ix-xorti, wieħed jista' jgħid li rnexxiet. Il-kumitat organizzativ se jiltaqa' biex jeżamina kif tista' jtejjeb din l-attività, u kif jistgħu jinstabu aktar persuni li jkunu lesti li jservu bħala voluntiera.

### 2.3 Laqgħa tal-Lokalità

Is-Sindku qal li din il-laqgħa saret kif kien ippjanat u għaliha attendew numru mdaqqas ta' residenti li lkoll urew interess fil-ħidma tal-Kunsill b'risq il-lokalità. B'hekk issa huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu se jħejju l-estimi għas-sena 2016 biex ikunu jistgħu jiġu diskussi fis-seduta li jmiss.

### 2.4 Mafkar ta' Mons Mikiel Azzopardi

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-inawgurazzjoni tal-mafkar se ssir nhar il-Ħadd 31 ta' Jannar wara li l-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca ikkonfermat il-preżenza tagħha.

### 2.5 Kontijiet tad-Dawl ta' Bandli u l-Pitch tal-Boċċi ta' Għar Lapsi

Is-Sindku qal li ma jistax jifhem il-kontijiet għoljin li qed nirċievu mill-Enemalta rigward il-provista tad-dawl f'dawn l-imsemmija ġonna. Huwa għalhekk talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħmel analażi ta' dawn il-kontijiet flimkien ma-sur Joe Borg, il-manager tan-Nexos.

# 3 FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 KUNTRATTI

### 4.1 LCS31/15 Gardenining Services of Public Spaces

Is-Sindku qal li għal din is-sejħa daħlu 6 offerti. Il-Bord tal-Aġġudikazzjoni iltaqa' mal-offerenti kollha u wara li eżamina l-offerti tagħhom huwa tal-opinjoni l-aħjar għażla hija dik tal-Waste Collection Ltd., li kienet l-irħas fost l-offerenti.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar ippropona li għandna nilqgħu din l-offerta. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.2 LCS 24/15 Collection of Bulky Refuse**

Is-Sindku qal għal din is-sejħa kienu daħlu tliet offerti. Huwa fisser kif Il-Bord ta' Aġġudikazzjoni beda biex elimina l-offerta tas-sur Raymond Attard li kienet l-l-aktar waħda għolja. Mill-*interviews* li l-Bord għamel maż-żewġ offerenti l-oħra, il-Bord wasal fil-konklużjoni li l-aħjar offerta kienet dik tas-sur Daniel Cutajar u għalhekk is-Sindku ippropona li l-Kunsill jagħżel din l-offerta.

Is-Sindku qal ukoll li minhabba li l-process ta' l-aggudikazzjoni ha ftit iktar milli kien mistenni, il-Kuntratt prezenti LCS14/12, kellu jigi estiz ghal xahar, jigifieri sal-31/12/15.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5 ĦWEJJEĠ OĦRAJN

**5.1 Provista ta' WIFI f'postijiet pubbliċi**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva komunikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex il-Kunsill jissuġġerixxi żewġ postijiet pubbliċi li fihom il-MITA tkun tista' tibda tipprovdi servizz b'xejn ta' WIFI.

Is-Sindku ippropona li dan is-servizz jibda jingħata fil-Bandli ta' Triq Dr Nikola Zammit u fl-Outdoor Gym fi Triq Mons. F.X.Mangion.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.2 Żvilupp ta' Shooting Range fil-viċinanzi ta' Bur ix-Xewk**

Is-Sindku qal li minn rapport li deher f'gazzetta lokali, jidher li qed ikun propost li ssir *shooting* range f'sit li qabel kien barriera qrib fejn illum hemm l-Arka ta' Noè fi Triq ta'Bur ix-Xewk. Jirriżulta li d-distanza ta' dan is-sit mill-bini residenzjali taz-zona ta' Kirċippu hija ta' madwar 300 metru. L-applikazzjoni għada ma ġietx ippublikata u għalhekk għada ma wasslitx il-Kunsill.

Is-Sindku spjega li sabiex tiġi evitata sitwazzjoni li ma jkollnix żmien biżżejjed biex jekk ikun il-każ aħna noġġezzjonaw, ikun jaqbel li l-Kunsill minn issa jieħu pożizzjoni dwar din il-proposta. Huwa qal ukoll li jaħseb li jekk dan ir-*range* se jkun viċin l-abitat, jista' joħloq diversi problemi.

Huwa kompla jgħid li se jġib il-pjanti u ippropona li tiġi organizzata laqgħa għall-pubbliku dwar din il-materja. Għal din il-laqgħa għandhom jiġu mistiedna wkoll l-iżviluppaturi. Din il-laqgħa tista' ssir fil-Kappella ta' Kirċippu. Is-Sindku talab lill-Kunsill il-permess biex ikun jista' jistabillixi d-data.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.3 Laqgħa ta' Konsultazzjoni dwar ir-Refurbishment dwar Għar Lapsi**

Is-Sindku ippropona li fil-25 ta' Jannar il-Kunsill jorganizza konsultazzjoni pubblika dwar it-tisbiħ tal-bajja ta' Għar Lapsi qabel tiġi sottometta l-applikazzjoni mal-MEPA. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.4 Applikazzjoni dwar il-Pompa tal-Petrol fil-Pjazza**

Is-Sindku qal li saret applikazzjoni mal-MEPA biex isir xi *refurbishment* tal-faċilitajiet tal-pompa tal-petrol tal-Pjazza.Huwa kompla jgħid li ma jaħsibx li huwa l-każ li ssir oġġezzjoni minħabba l-fatt li ma jidhirx li se jsir xi tibdil estern, madankollu jkun jaqbel li tinbeda diskussjoni mas-sidien dwar il-possibiltà li jsir tisbiħ tas-sit. Għalhekk ippropona li issir laqgħa mas-sidien biex jiġu żgurat li jekk hu possibli jsir titjib fl-estetika tas-sit.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.5 Manutenzjoni tas-sit tad-Dnat**

Il-Kunsillier Dominic Grech ġibed l-attenzjoni dwar l-istat ħażin ta' din it-triq, liema triq hemm diversi irziezet li huma abitati. Is-Sindku qal li din mhijiex kwistjoni li jsir sempliċi patching. Huwa qal li soluzzjoni tista' tkun li niktbu lil Transport Malta dwarha billi din hija triq li qatt ma nbniet.

**5.6 Trejqet l-Anġli**

Il-Kunsillier Dominic Grech staqsa dwar il-possibilità li din l-imsemmija triq issir one-way u jekk kinitx saret talba ma' TM. Is-Sindku wieġeb li t-talba ma' TM kienet saret u kienet ukoll ġiet milqugħa. Jidhirlu li din ma gietx implimentata minħabba li kien se jsir xi żvilupp.

Din il-materja għandha tiġi segwita fis-seduta li jmiss.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara magħluqa fit-8:00pm u ippropona li l-Kunsill jerġa' jitlaqqa' Nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar 2016, fis-7.00p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, 18 ta' Jannar 2015**